Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 – It-Tlieta 8 ta' Gunju 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-3:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

## 3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgha li kellu mas-Supretendent tal-Pulizija. Fil-laqgħa semmew l-issues tal-problema tan-naħal fil-Gudja, id-disco fil-jiem tal-festa, possibilita' ta' ntroduzzjoni ta' speed cameras fi Triq l-Imgarr u r-regolamenti tal-użu ta' roti bil-mutur. Dwar ir-rapporti dwar in-naħal u l-inkonvenjenza li qed iġġib magħha t-trobbija tagħhom fil-Gudja, is-Sindku semma' li l-pulizija ilha twegħdna li jekk jidħlu r-rapporti ser tittieħed azzjoni pero' milli jidher qed jirriżulta li s'issa l-ebda resident ma mar jagħmel rapport tal-ħsarat li ġarrab. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward il-ħajt ta' Triq Malta għandu jinbeda biex fl-istess ħin jingħalaq l-aċċess għal dawn li qed ikabbru n-naħal.

3.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-kuntrattur tad-dwal tat-toroq Richard Cauchi fejn miegħu iddiskuta ordnijiet pendenti kif ukoll it-ħtieġa ta' żieda ta' fanal fil-Belvedere.

3.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-KIP il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart dwar xi problemi u nuqqasijiet fir-rigward tal-ġbir tal-iskart fil-lokal.

3.4 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret ma' Mary Portelli li tispeċjalizza fil-qasam tal-mosaic fejn ħarget bi proposta ta' proġett taħt il-proġett Kreattiv li jsir mal-iskejjel. Meta tkellmina ħarget il-proposta li t-tfal jiksu t-taraġ tal-Għajn tal-Hasselin b'xogħolijiet tal-mosaic b'tema ambjentali li tikkumplimenta s-sit. Din l-applikazzjoni ġiet diskussja mal-Iskola Primarja Għajnsielem u laqgħuha tajjeb ħafna. Saret l-applikazzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u l-iskola u ġiet sottomessa mill-iskola kif titlob l-applikazzjoni nnifisha.

3.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Ann Camilleri dwar il-proposta li tinżamm Nutellafest f'Għajnsielem fil-Pjazza l-10 ta' Diċembru bejn is-19 u l-20 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta li jtellgħa din l-attivita' u li ssir promozzjoni tal-attivita', permessi, htieġa ta' gwardjani lokali u organizazzjoni tat-traffiku x'ħin toqrob l-attivita'.

3.6 Is-Sindku rrefera għal Fish Fair li ser tiġi organizzata fis-27 ta' Ġunju fiż-Żewwieqa. Huwa semma' li talabhom sabiex l-għaqdiet ikollhom l-istands tal-ikel u drinks tagħhom, iżda l-organizzaturi ma laqgħux din it-talba.

3.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret minn Transport Malta għal Kunsilli Għawdxin fejn matulha ġew introdotti r-rotot il-ġodda t'Għawdex. Huwa semma' li reggħet ġiet introdotta r-rotta ta' Garden Street iżda t-talba sabiex tgħaddi rotta minn Triq il-Hamri ġiet miċħuda. Il-Kunsill approva r-rotta l-ġdida imma fl-istess ħin wera d-diżappunt tiegħu għal din id-deċiżjoni. Transport Malta qed jgħidu li l-karozzi l-ġodda ma jkunux jistgħu jdawwru fil-kantuniera li tagħti għal ġol-Pjazza Madonna ta' Loretu. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat dan il-konċern tiegħu u jipproponi li ssir rotta alternattiva bejn Triq Simirat u Triq Hamri.

## 4.0 Laqgħa mal-Avukat rigward il-kwistjoni tal-Vodafone

4.1 Għal-laqgħa ġie mistieden l-avukat li qed jieħu ħsieb il-każ tal-Vodafone u t-talba sabiex il-Kunsill jingħata kopja tal-kuntratt li kellu.

4.2 L-avukat fisser kif il-mod kif sar il-kuntratt kien hemm ħafna llegalitajiet fosthom li kuntratt jibda fil-bidu t'Ottubru 2012 u jiskadi fid-9 ta' Jannar 2015. Huwa rrefera wkoll għal fatt li l-eks Segretarju Ezekuttiv għamlet il-kuntratt li jidher fuq isimha biss meta suppost jgħajjat lill-Kunsill. Saret referenza wkoll għal fatt li fil-bidu tal-kuntratt, is-Segretarja kienet tirrifondi kull ammont li kien jaqbeż il-€95 l-ammont stipulat skond il-Kuntratt, u dan eventwalment ma baqax isir.

4.3 L-avukat fisser li mhemmx ċarezza x'ġara u x'sar eżatt bħala kuntratti , iżda l-fatt li l-Vodafone ma provdewx kopja tal-kuntratt jista jagħti l-każ li kien hemm xi taħwid minn naħa tagħhom stess.

4.4 Il-Kunsill qabel li bħala kontijiet pendenti, huwa jista jħallas biss bejn Ottubru u s-7 ta' Jannar 2015, l-ġurnata ta' meta l-Vodafone qatgħu l-linja tal-mobile għalkemm il-Kunsill speċi ta' ġie mponut li jħallas kuntratt ta' €95 minflok dak attwali li għandu mal-Go għall prezz ta' €60 fix-xahar peress li ma stajniex ninħallu minn magħhom qabel.

4.5 Sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-eks Segretarja Amanda Abela biex jiddiskuti dawn il-materji.

## 5.0 Xogħolijiet fil-Pjazza tad-Dehra u Quotation tal-wooden bridge

5.1 Is-Sindku rrefera għar-rampa li nbdiet faċċata tal-Għajn u li estetikament dehret kerha ħafna. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Perit jemenda l-pjanti meħtiega u din ir-rampa titneħħa peress li diġa ser ikun hemm rampa oħra u minflokha isiru żewg tarġiet.

5.2 Saret referenza wkoll għal fatt li l-Kuntrattur Peter Paul Said qata' l-*fibre optic* tal-Go waqt l-*excavation works* tiegħu. Saret referenza għall-ittra mibgħuta mill-Go rigward l-ispejjes involuti. Il-Kunsill qabel li peress li l-ħsara ġġarbet mill-kuntrattur in kwistjoni, l-Kunsill ma għandux jidħol fiha. Sar qbil li f'każ ta' problemi għandu jintalab parir ta' avukat.

5.3 Sar qbil li l-Kunsill għandu jiġbor tlett stimi għax-xogħol ta' wooden bridge fil-Pjazza tad-Dehra.

## 6.0 Embellishment f'Garden Street u fi Triq ta' Lourdes

6.1 Is-Sindku semma' li c-central strip tan-naħa ta' fuq ta' Garden Street jixirqilha ftit tisbiħ mingħajr spejjes kbar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u sar qbil li għandu jitqabbad il-Perit Shawn Micallef biex jipprovdilna d-disinn tiegħu.

6.2 Is-Sindku propona wkoll li tisbiħ ieħor ikun jixraq lil biċċa art żgħira fi Triq ix-Xatt faċċata Ta' Passi. Huwa propona li peress li hija l-entratura tal-gzira għawdxija, jkun xieraq li ssir *feature* prominenti bħalma huwa *frame kbir* li wieħed jieqaf jieħu ritratt bil-background tal-Knisja ta' Għajnsielem u l-madwar warajh. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u wkoll qabel li għandu jinkariga lil Perit Shawn Micallef sabiex joħroħ l-ideat tiegħu.

## 7.0 Xogħolijiet, swimming zone u manutenzjoni fix-Xatt l-Aħmar.

7.1 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet li saru lit-Triq tax-Xatt l-Aħmar. Huwa semma' li morna fuq il-post bil-Perit u deher fiċ-ċar li l-akbar problema hija t-tumbata li hemm fit-telgħa. Wara li nkitbet email lill- Ministru għal Għawdex sabiex issir manutenzjoni lil din it-triq, id-Dipartiment tas-CMU laqgħa t-talba tagħna iżda rranġa biċċa żgħira fin-naħa ta' fuq tat-triq bil-konsegwenza li l-periklu tat-triq għadu hemm u l-problema baqgħet l-istess. Saret referenza għal fatt li jekk ikun meħtieg li tinżel ambulanza fuq il-

post, issibha diffiċli biex titla. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa urġenti mad-Direttur Mark Formosa biex jiġi spjegat eżatt x'inhu meħtieġ li jsir.

7.2 Bħala xogħolijiet oħra għax-Xatt l-Aħmar sar qbil li l-ħaddiema tal-Kunsill ser jirranġaw fejn l-għerien. Sar qbil ukoll li għandha tintbgħat ittra lid-Direttur Esther Bajada sabiex isiru signs u tabelli informattivi f'din il-bajja.

**8.0 Ħruġ ta' offerta għal ġbir ta' bulky refuse**

8.1 Fid-dawl li l-gvern ċentrali ser jieqaf mill-kuntratt li għandu mal-Kunsilli dwar il-gbir tal-bulky refuse, il-Kunsilli ġew mitluba biex joħorgu sejħa għall-pubbliku. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li għandu joħroġ offerta kemm jista jkun malajr u bħala kundizzjoni jindika li l-ġbir isir darba fil-ġimgħa kif indikat mill-Kunsill u jekk ikun hemm bżonn ta' aktar ġbir il-Kunsill għandu jordna dan il-gbir extra.

**9.0 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord li evalwa l-offerta tal-ġbir tal-iskart**

9.1 Il-Kunsill irrefera għar-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni li nħatar apposta biex jevalwa l-offerti mitfugħa għal kuntratt tal-ġbir tal-iskart. L-offerti mitfugħa kienu :-

- KIP €144.75, €147.90, €150.85, €153.95 kull ġabra għal kull sena rispettivament.
- Sharlon Mercieca €121.93,€ 128.03, €134.43, €141.15 għal kull sena rispettivament.

9.2 Fl-evalwazzjoni tiegħu il-Bord sab li l-orħos offerta sottomessa minn Sharlon Mercieca ma kinitx tikkwalifika amministrattivament u teknikament għalhekk l-għazla kellha taqa fuq l-offerta l-oħra mitfugħa mill-KIP li kienet korretta. Il-Kunsill qabel li mal-kuntratt, il-kuntrattur tal-KIP għandu jintalab sabiex tinżamm laqgħa biex jiġu stabiliti r-rotot, l-importanza li jidħol f'kull triq u wkoll rigward il-ħaddiema li jħaddem miegħu sabiex jingħata dan is-servizz.

**10.0 Approvazzjoni tal-offerta ta' servizz ta' Accountant**

10.1 Għal dan is-servizz intefgħu żewġ offerti mingħand:-

- 3A Malta għal prezz ta' 2580 inkluz il-VAT u mingħand
- Parker Randall Turner għall-prezz ta' 2124 inkluz il-VAT.

10.2 Wara li l-Kunsill ra r-risposta mibgħuta mingħand Parker Randall, bħala l-orħos offerta u kkonferma li ser ikollu Accountant kwalikat li ser jaħdem fuq ix-xogħol tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi l-kuntratt lil dan il-kuntrattur b'effett mill-1 ta' Lulju 2015.

## 11.0 Approvazzjoni tal-istima ta' Canopy mal-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku

11.1 Saret referenza għall-komunikazzjoni li saret mal-kuntratturi li tefgħu l-offerti għal dan ix-xogħol tal-Canopy mal-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku, u Pawlu Zammit, ikkonferma li lest li jagħmel ix-xoghol relatat sa mhux aktar minn €4666 inkluz il-VAT. Ghalhekk il-kunsill qabel li ghandu jikkonferma mas-Sur Zammit sabiex jibda x-xogholijiet imsemmija mmedjatament.

## 12.0 Bethlehem f'Għajnsielem

12.1 Sar qbil li għandu jerġgħa jingħaqad il-Kumitat fuq l-istess struttura tas-snin precedenti u li għandha tissejjaħ laqgħa kemm jista' jkun malajr.Sar qbil li l-kumitat ikun kompost mill-membri kollha tal-Kunsill Lokali u rapprezentanti minn kull ghaqda. Saret referenza ghall-Premju tal-Intrapriza ta' 14,000 li ntrebah bis-sahha ta' dan il-progett u saret referenza wkoll dwar l-importanza li l-ghaqdiet ghandhom ihossuhom aktar li jappartjenu l-progett u jaghmluh aktar taghhom. Il-Kunsill wera l-preokkupazzjoni tieghu dwar li ma jsibx voluntiera bizzejjed kemm waqt il-preparamenti u kemm waqt l-andament tal-progett.

12.2 F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel lii ghandha ssir get-together ghall-ghaqdiet biex jigi mfisser lilhom l-importanza ta' dan il-Premju u x-xoghol relatat ma' dan il-progett.

## 13.0 Festa 2015/Għajnsielemfest

13.1 Is-Sindku rrefera ghall-attivita' li s-soltu ssir jiem qabel il-festa bit-titlu Ghajnsielemfest. Hu propona li din is-sena jinghatalha format gdid, dik li tkun maqsuma f'jumejn. Sar qbil li f'jum minnhom tingab band tajba u wara jsir 80s night. Is-serata l-ohra ghandha tkun iddedikata ghat-talent lokali bi prezentatur tajjeb bhalma huma J Anvil, Renato jew Joe Demicoli. Sar qbil li ghandna ninvolvu lill-ghaqdiet tal-lokal biex jkunu nkarigati mill-bar u stands tal-ikel waqt l-attivitajiet.

13.2 Sar qbil li l-Kunsill ghandu jigbor stimi ta' xi *bands* u *sound* mehtieg.

## 14.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni ghall-Premju Ewropew NESA

14.1 Is-Sindku rrefera ghall-Premju tal-ewwel post fil-Premju ghall-Intrapriza u li permezz tieghu awtomatikament il-Kunsill jikkwalifika ghall-applikazzjoni tal-istess premju fuq bazi Ewropeja. L-applikazzjoni taghlaq fit-30 ta' Gunju u mportanti li l-Kunsill jlahham kemm jista l-applikazzjoni tieghu. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ikun ghaqli li jqabbad kumpanija specjalizzata fl-applikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex ikollna applikazzjoni professjonali. Sar qbil li ghandna wkoll nikkonfermaw l-istima tal-Media Coop, il-kumpanija nkarigat mill-filmat ghal mal-applkazzjoni ghal prezz ta' ........ Gie kkuntatjat wkoll Alvin Scicluna tas-CVC Productions fejn intalab filmat dwar Bethlehem f'Ghajnsielem u dan sahaq li l-filmat provdut ghandu jintuza esklussivament ghall-applikazzjoni biss. Sar qbil li ghanhom isiru ntervisti mas-setturi li qed jibbenifikat minn dan il-progett u jigu nseriti fil-filmat.

## 15.0 Laqgħa mal-parroċċa

15.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera ghal-laqgha li l-Kunsill ser ikollu mal-Parocca u li matulha jista jkun li jitqajjmu l-kwistjonijiet tat-tindif tal-Pjazza u wara l-Knisja. Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrefera ghal fatt li hemm struzzjoniiet mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li la darba l-post imsemmi huwa privat, il-Kunsill ma jistax jaghmel xogholijiet fuqu. Issemma' wkoll il-fatt li rigward din il-kwistjoni r-rispett lejn il-Kunsill minn naha tal-Parrocca kien nieqes hafna u l-Kunsill precedent setgħa żbalja li ma ppubblikax stqarrijiet biex juri l-fatti. Dan ma sarx għax dejjem ittama li jintlaħaq ftehim. Il-Kunsill qabel li kemm il-darba waqt din il-laqgha jitressqu xi talbiet, dawn ghandhom jitressqu bil-miktub u jigu diskussi waqt il-laqgha tal-Kunsill.

## 16.0 Tolfarte 2015

16.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li l-applikazzjoni li l-Comune ta' Tolfa ssottometta taht it-Town for Citizens ghall-okkazzjoni ta' Tolfarte 2015 ma' gietx accettata mill-Unjoni Ewropea.

16.2 Huwa semma' li l-Comune ta' Tolfa xorta wahda qed tistieden li tospita delegazzjoni mill-Kunsill kif ukoll xi artisti minn Ghajnsielem biex jippartecipaw f'Tolfarte bejn is-6 u l-10 t'Awwissu 2015. Il-Kunsill qabel li ghalhekk ma ghandux jitlef din l-opportunita' u ghandu jistieden lil xi artisti biex jippartecipaw billi l-Kunsill ihallsilhom il-vjagg tal-ajru u l-Comune ta' Tolfa jhallas l-ispejjes l-ohra tal-akkomodazzjoni.

## 17.0 Management Letter

17.1 Is-Segretarja preżentat il-Management Letter tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2014 u r-risposta tagħha għal punti miġbuda mill-Awdituri waqt l-awditjar tagħhom. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u li għandu jibgħat it-tweġiba tiegħu.

## 18.0 Materji oħra

18.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għas-suċċess tal-Funwalk ta' Puttinu Cares u huwa propona li tista ssir waħda bħalha bil-lejl bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem.

18.2 Il-kunsillier Peter Caruana rrefera għal xi ħsarat li hemm fil-pavimentar tal-Belvedere u xi xogħolijiet ħziena speċjalment fejn iżomm l-ilma. Huwa propona li jinħtieg li fit-taraġ issir toqba għal ġol-għalqa biex l-ilma jgħaddi minnha. Sar qbil li għandna niltaqgħu mal-Perit tal-proġett biex jiċċekja dawn l-ilmenti qabel ma jsiru l-pagamenti finali.

18.3 Fil-laqgħa sar qbil ukoll li li l-kunsillier Larry Buttigieg jiġi assenjat wkoll l-irwol tas-Saħħa u Persuni b'diżabilita'.

18.4 Il-Kunsillier Peter Caruana talab sabiex tingibed l-attenzjoni lit-tabib tal-berga sabiex meta xi pazzjent jidhol hdejn it-tabib ghandha tinghalaq il-bieba warajh ghall-privatezza mehtiega.

18.5 Il-Kunsillier Caruana talab ukoll sabiex isiru railing fil-Belvedere kemm fir-rampa kif ukoll fit-tarag.

18.6 Sar qbil li ghandha ssir talba sabiex jinzebghu double yellow lines quddiem ir-rampa tal-Belvedere.

18.7 Sar qbil ukoll li ghandha tintbghat ittra lil Transport Malta rigward parking illegali li qed isir taht il-Gleneagles fl-Imgarr.

18.8 Is-Sindku rrefera għal fatt li waqt l-andament tax-xogħol ta' kuljum f'dak li huma kostruzzjoni u manutenzjoni ġieli jinqalgħu ċirkustanzi li jkollna bżonn parir ta' perit urġenti. Il-Kunsill qabel li f'każijiet bħal dawn għandna ninkarigaw lil Perit Shawn.

18.9 Is-Sindku rrefera għall-proposta ta' xi attivita' f'Settembru fuq tema medjevali. Huwa rrefera għal grupp li jorganizza Medieval Mdina u li wrew ix-xewqa li jorganizzaw xi attivita' simili f'Ghawdex. Huwa propona li din l-attivita' tiġi organizzata f'Chambray u tkun tinkludi fost l-oħrajn f'medieval dinner. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima għall-prezz ta' din l-attivita' u jippjanaha għas-19 u 20 ta' Settembru u mportanti li ma taħbatx man-Nutella fest.

18.10 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi talab sabiex isir ftit cement fi Triq il-Merkanti fejn inqata' l-ħaxix biex ma jerġax jitla.

18.11 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li ltaqgħa ma' persuna li esprimielu l-proposta tiegħu ta' proġett kbir għal wied. Dan il-proġett jinkludi f'tindif tal-wied u li wara mbagħad jiġi trasformat f'guva kbira tal-għasafar billi jissaqqaf b'tinda kbira ta' netting. Huwa semma' li dan huwa proġett li jiswa ħafna flus u li ma jistax isir mill-

Kunsill waħdu iżda jrid jinkludi diversi NGO's nazzjonali bħalmna huma l-Birdlife, FKNK, MEPA, Nature Trust u oħrajn. Dan il-proġett jista jsir ukoll f'fażijiet billi jinbeda bħalma huwa x-xogħol tat-tindif tal-wied.

18.12 Is-Sindku rrefera wkoll għal biċċa art fi Triq ta' Lourdes li jixirqilha ftit embellishment u sservi ta' attrazzjoni għal dawk kollha li jkunu għadhom kemm waslu fuq gżiritna. Huwa propona li ssir bit-turf u fuqha jitpoġġa gwarniċ kbir li wieħed jista' joqgħod warajh u jieħu ritratt bil-veduta tal-knisja ta' Għajnsielem warajh. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u li għandna nqabbdu Perit biex jagħmel sketch u nivverifikaw li din il-bicca art żgħira hija tal-gvern.

18.13 Is-Sindku rrefera wkoll għas-central strip li hemm fil-parti ta' fuq ta' Garden Street u li għandna bżonn ftit embellishment bħalma huma bankijiet ġodda u xi pots. Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad lil Perit Shawn Micallef biex jipprovdi sketch ta' dan.

18.14 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal ħtiega ta' bank ieħor fi Triq l-Imgarr qabel tikser għal Triq Sant'Indrija peress li oriġinarjament qabel ma saret Triq l-Imgarr kien hemm żewg bankijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jinqala l-bank li hemm u minflok jitpoġġew tnejn pariġġ.

18.15 Il-Kunsillier Peter Caruana talabha sabiex jinżabru s-siġar ta' Triq Lourdes.

18.16 Il-kunsill qabel li sabiex jippremja lil Albert Lauren Agius tas-suċċess tiegħu u unur li għamel lil Għajnsielem bir-rapprezentazzjoni tiegħu f'Sanremo Junior fit-teatru Ariston f'San Remo. Il-Kunsill qabel li għandu jħallaslu l-ispejjes tal-flight u tal-accomodation tiegħu u jipprezentahomlu flimkien ma' trophy f'Għajnsielem fest.

18.17 Sar qbil ukoll li rikonoxximent għandu jingħata wkoll lil Lorenzo Atzori li kiteb xi ktieb u ġie klassisfikat fl-ewwel post minn Malta u Għawdex.

## 19.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

19.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-pagamenti gew approvati.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**